**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 60/2020 RM**
**Valhmor Borg Import Export Limited (C 3062)**

**-Vs-**

**Tapaz Malta Limtied (C 79769) bħala d-debitur prinċipali u Christopher McKay (K.I. Numru 32891M) bħala l-garanti flimkien u *in solidum* mad-debitur prinċipali u Bo Patrick Alvgeren (K.I. 39421A) li ġie kjamat fil-kawża b'digriet tal-24 ta' Settembru 2020.**

**Illum, 13 ta' April 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Valhmor Borg Import Export Limited (C 3062) fil-15 ta' Mejju 2020 fir-Reġistru tal-Qorti fejn talbet illi l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuha s-somma ta' sebat elef, mija u disa' u erbghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (Euro 7149.58) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum lilhom mibjugha u konsenjati, kif ukoll ihallsu l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk, tat-taxxa fuq il-valur mizjud inkonnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, u bl-intimati ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Christopher McKay ippreżentata fit-12 ta' Awwissu 2020 fejn ġie eċċepit:-

*"1. Qabel xejn ir-rikorrenti trid tindika meta gew ikkunsinnati l-prodotti li qiegħda titlob ħlas għalih sabiex l-intimat ikun jista' jeċepixxi jekk huwiex:*

*a) Il-leġittimu kontradittur;*

*b) Jekk hemmx bżonn jissolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*2. Fi kwalunkwe kas l-intimat spiċċa minn direttur fl-20 ta' April 2018 (ara fork K anessa, Dok A) u kif jirriżulta fil-ftehim anness (Dok B) kwalunkwe pendenza li tista' tirriżulta, kien obbliga ruħu għaliha BO Patrick Alvegren (KI 39421A) ta' 1652, Pendergardens, Triq Ivo Muscat Azzopardi, St. Julians, u għalhekk, l-imsemmi BO Patrick Alvergren għandu jiġi kjamat in kawża.*

*3. Fit-tielet lok, l-intimat m'għandu jagħti xejn lir-rikorrenti.*

*4. Fir-raba' lok, it-talba tar-rikorrenti hija mill-bqija infondata fil-fatt u fid-dritt"*

Rat illi s-soċjeta' konvenuta Tapaz Malta Limited ġiet notifikata bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawza fit-2 ta' Ġunju 2020 iżda baqgħet qatt ma dehret quddiem il-Qorti u naqset ukoll milli tikkontesta t-talba attriċi u tressaq provi, minkejja li ngħatat opportunita' li tagħmel dan;

Rat illi s-soċjeta' konvenuta Tapaz Malta Limited minkejja li ġiet imsejħa għas-subizzjoni, naqset milli tidher biex twieġeb għall-kapitoli approvati fl-24 ta' Settembru 2020;

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-24 ta' Settembru 2020 fejn laqgħet it-talba tal-konvenut u ordnat li jissejjaħ fil-kawża Bo Patrick Alvegren bl-ispejjeż tan-notifika jkunu a kariku tal-istess konvenut;

Rat illi l-imsejjaħ fil-kawża ġie notifikat permezz tal-proċedura maħsuba fl-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif awtorizzat b'digriet tas-16 ta' Novembru 2020 iżda madanakollu baqa' qatt ma deher quddiem il-Qorti u naqas ukoll milli jikkontesta t-talba attriċi u jressaq provi, minkejja li ngħata opportunita' li jagħmel dan;

Semghet ix-xhieda ta' Kenneth Borg Caruana;

Semgħet ix-xhieda tal-konvenut Christopher McKay;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tat-3 ta' April 2023;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm is-soċjeta' konvenuta Tapaz Malta Limited u l-imsejjaħ fil-kawża, Bo Patrick Alvegren, debitament notifikati bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqgħu ma ppreżentawx risposta u lanqas dehru quddiem il-Qorti biex jikkontestaw it-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba attriċi ġiet ippruvata jew li għandha tintlaqa' fil-konfront tagħhom. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u

konsegwentement, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tiegħu fil-grad probatorju meħtieġ mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-każ huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Iżda fil-kaz in dizamina jirrizulta illi fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2022, is-soċjeta konvenuta, wara li ġiet debitament imsejħa għas-subizzjoni, naqset milli tidher biex twieġeb għad-domandi in subizzjoni. Skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna[1] , in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala preżunta konfessjoni.

Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss waħda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tinġieb in sostenn tat-talba attriċi, huwa wkoll risaput[2] li din il-prova waħedha mhux neċessarjament biżżejjed biex tissodisfa l-piż tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-suċċess tal-pretensjoni tieghu. Jinghad ukoll illi l-ġudikant m'huwiex marbut f'kull każ bil-konfessjoni li tista' tirriżulta min-nuqqas li jitwieġbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi oħrajn li jirriżultaw mill-atti processwali, u dan in omaġġ għall-prinċipju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[3], bin-nuqqas tal-konvenut li jwieġeb ghall-kapitoli, dawn :-

"*… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti.*"

---

[1] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et –** deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.
[2] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et –** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.
[3] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ odjern, b'żieda mas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta, il-kumpannija attrici ressqet ukoll bhala xhud lil Kenneth Borg Caruana, il-general manager tal-kumpannija li xehed bil-ġurament[4] illi l-ammont reklamat f'din il-kawża hu dovut mis-soċjeta' Tapaz Malta Limited u mill-konvenut Christopher McKay li kien assuma responsabbilita' personali għall-ħlas tad-dejn dovut mis-soċjeta' konvenuta permezz ta' ftehim iffirmat minnu personalment. Ix-xhud esebixxa kopja ta' Credit Agreement iffirmat mill-konvenut Christopher McKay fis-16 ta' Ġunju 2017[5] b'garanzija personali fejn iddikjara li qed jagħmel tajjeb għad-dejn. Ikkonferma li l-bilanċ dovut fuq il-konsenji ta' prodotti tal-ikel li saru lill-istabbiliment Tapaz Bar & Restaurant abbażi ta' dan il-ftehim huwa ta' €7,149.58, liema bilanċ huwa dovut fuq konsenji li saru minn Awwissu 2019 'il quddiem fejn għalkemm għadda t-terminu li ġie miftiehem għall-ħlas, dawn il-konsenji baqgħu ma tħallsux. Xehed ukoll illi meta s-soċjeta' attriċi marret tiġbor l-ammont dovut, intab li l-istabbiliment kien għalaq u mit-tfittxijiet li għamlet, irriżultalha li kien hemm persuna barranija involuta fin-negozju li kien ukoll direttur tas-soċjeta' konvenuta, li infurmathom li n-negozju kien falla u kien ser iħallas l-ammont dovut huwa stess, iżda baqa' m'għamilx kuntatt mas-soċjeta' attriċi u qatt ma ħallas xejn.

Christopher McKay xehed[6] illi żmien ilu kien waqqaf kumpannija bl-isem Tapaz Malta Limited, bil-għan li tibda topera negozju bl-isem Tapaz, fejn huwa kien is-sid kif ukoll direttur tal-kumpannija. Kien ħejja lista ta' suppliers iżda wara xi sena, fl-2018, huwa kien żarma minn dan in-negozju u ttrasferixxa l-ishma tiegħu lil persuna oħra, liema trasferiment sar skont il-pariri ta' avukati. B'referenza għall-Credit Agreement Dok. KBC1, xehed illi dan hu wieħed mid-dokumenti tas-suppliers li huwa kien iffirma bħalma għamel ma' diversi suppliers oħrajn. Sostna li llum m'għandux x'jaqsam mas-soċjeta' konvenuta tant illi fl-2018 huwa kien irriżenja minn direttur u ma baqax azzjonist ta' din il-kumpannija. Fisser li huwa kien għamel

[4] Xhieda tal-4 ta' Frar 2022, 23 ta' Marzu 2022 u 3 ta' April 2023.
[5] Dok. KBC1.
[6] Xhieda tas-26 ta' Settembru 2022 u 2 ta' Novembru 2022.

ftehim bil-miktub ma' ċertu Patrick li akkwista l-ishma tal-kumpannija mingħandu u ħa ħsieb dak li għandu x'jaqsam ma' suppliers tal-kumpannija.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat id-dokument iffirmat mill-konvenut Christopher Mackay, imsejjaħ "Credit Agreement" fejn hu ovvju li huwa aċċetta li jassumi responsabbilita' personali u solidali mal-kumpannija Tapaz Malta Limited "*for any unpaid balance due to Valhmor Borg Import Export Limited / Miracle Foods Ltd*". Fit-tieni parti tal-ftehim, l-istess konvenut Christopher McKay intrabat li jiggarantixxi "*personally and jointly with the above mentioned persons ... to pay any outstanding amounts due to Valhmor Borg Import Export Ltd / Miracle Foods Limited which accepts ...*"

Minn dan hu manifestament ovvju li l-konvenut assuma responsabbilita' mhux biss personali iżda wkoll solidali mal-kumpannija Tapaz Malta Limited f'każ li l-kumpannija tonqos milli tħallas l-ammonti dovuti *inter alia* lis-soċjeta' attriċi entro t-terminu konċess ta' disgħin jum. Fil-fatt, ma jirriżultax li l-konvenut qiegħed jikkontesta dan l-obbligu minnu assunt fuq l-iskrittura Dok. KBC1.

Il-Qorti fehmet li l-kontestazzjoni tiegħu hi msejsa fuq il-fatt li huwa ddispona minn kull rabta mal-kumpannija Tapaz Malta Limited billi f'Awwissu 2018 kien ġie maħtur minfloku bħala direttur tal-kumpannija, ċertu Bo Patrick Alvgeren (Dok. CMK3) filwaqt li fl-istess żmien huwa kien ittrasferixxa lil ċertu Mindy Elsebeth Alvegren, l-ishma kollha li kellu fil-kumpannija (Dok. CMK4). Il-konvenut isostni wkoll illi permezz ta' dikjarazzjoni datata 4 ta' Settembru 2018[7], l-imsemmi Bo Patrick Alfvgeren assuma responsabbilita' personali, irrevokabbli u inkondizzjonata għat-twettiq tal-obbligi kollha u l-ħlas ta' kull debitu u ammont ieħor dovut minn Tapaz Malta Limited.

[7] Dok. CMK5.

Fil-fatt, fl-iskrittura tal-4 ta' Settembru 2018 jirriżulta li l-imsemmi Bo Patrick Alfvegren iddikjara wkoll "*I will unlimitedly assume ALL retroactive responsibility and liability of Tapaz Malta Ltd. And will indemnify and keep indemnified Mr. Chris McKay .... for all matters related to Tapaz Malta Limited, for any present claims and any other claims which may arise in the future*."

Minn dan kollu, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li effettivament, in kwantu jirrigwarda l-konvenut Christopher McKay, l-obbligi tal-kumpannija konvenuta Tapaz Malta Limited eżistenti fl-4 ta' Settembru 2018 u dawk futuri, fosthom għalhekk l-ammonti dovuti lis-soċjeta' attriċi għall-konsenji futuri li jsiru fl-istabbiliment tal-kumpannija, ġew trasferiti lil u assunti mill-imsejjaħ fil-kawża Bo Patrick Alfvgeren li impenja ruħu wkoll jindennizza lill-istess konvenut Christopher McKay fir-rigward ta' kull pretensjoni konċernanti s-soċjeta' Tapaz Malta Limited.

Iżda filwaqt li huwa minnu li bis-saħħa ta' din id-dikjarazzjoni l-imsejjaħ fil-kawza Bo Patrick Alfvgeren aċċetta li jassumi personalment u mingħajr kundizzjonijet ir-responsabbilita' inkondizzjonata għall-ħlas ta' kull debitu dovut lil xi kreditur tas-soċjeta' konvenuta u li jżomm indennizzat lill-konvenut Christopher McKay għal kull ħaġa marbuta mas-soċjeta' Tapaz Malta Limited, din id-dikjarazzjoni ma jista' jkollha ebda effett fil-konfront ta' terzi, fosthom is-soċjeta' attriċi. Il-Qorti taqbel mal-abbli avukat tas-soċjeta' attriċi li fit-trattazzjoni finali, issottometta illi din id-dikjarazzjoni ma tistax titqies ħlief li hija *res inter alios acta* għas-soċjeta' attriċi għaliex, evidentement, m'hijiex parti kontraenti f'din l-iskrittura u ma jirriżultax li dan sar bil-kunsens jew adeżjoni tagħha.

Dan ifisser li l-assunzjoni ta' responsabbilita' għall-obbligi tas-soċjeta' konvenuta u ta' Christopher McKay safejn dawn għandhom x'jaqsmu ma' Tapaz Malta Limited, billi ma saritx bil-kunsens tas-soċjeta' attriċi u ma jirriżultax li ġiet konvalidata minnha, tista' torbot u tagħmel stat biss bejn il-partijiet kontraenti, ċioe' Tapaz Malta Limited, Christopher McKay u Bo Patrick Avgeren u m'hijiex vinkolanti fil-konfront

ta' terzi persuni fosthom is-soċjeta' attriċi bħala l-kreditriċi ta' Tapaz Malta Limited u tal-konvenut Christopher McKay.

Il-korollarju ta' dan hu, ukoll, li s-soċjeta' attriċi ma għandha ebda relazzjoni ġuridika kwalsiasi mal-imsejjaħ fil-kawża Bo Patrick Alfvgeren għaliex ma jirriżultax li qatt ikkuntrattat miegħu dwar il-ħlas tal-konsenji li jsiru lis-soċjeta' Tapaz Malta Limited. Il-fatt li Bo Patrick Alvgeren seta' ħallas huwa stess għal uħud mill-konsenji li saru in segwitu għall-ħatra tiegħu bħala direttur tas-soċjeta' konvenuta Tapaz Malta Limited u wara li l-konvenut Christopher McKay iddispona mill-ishma tiegħu fil-kumpannija, ma jfissirx li ġiet imsawra xi relazzjoni ġuridika bejnu u s-soċjeta' attriċi u ċertament ma jfissirx li huwa ġie formalment rikonoxxut bħala ko-debitur tas-soċjeta' attriċi flimkien mas-soċjeta' Tapaz Malta Limited u jew bħala garanti, minflok il-konvenut Christopher McKay. Fil-fatt, il-Qorti ma riskontrat ebda prova fl-atti proċesswali li turi illi d-drittijiet u obbligi stabbiliti fl-iskrittura privata Dok. KBC1 m'għadhomx fis-seħħ jew li t-terminu ta' validita' tagħha kien skada jew li din l-iskrittura ġiet altrimenti varjata, rexxissa jew sostitwita b'xi skrittura oħra li teħles lill-konvenut Christopher McKay mill-obbligu tar-responsabbilita' personali u solidali għall-ħlas tad-dejn tas-soċjeta' Tapaz Malta Limited. Fil-fatt, Kenneth Borg Caruana kkonferma meta xehed in kontro-eżami[8] illi din hija l-unika skrittura li ġiet konkluża bejn is-soċjeta' attriċi u Tapaz Malta Limited.

Konsegwentement, Christopher McKay għandu jitqies li għadu marbut bit-termini tal-Credit Agreement konkluż fis-16 ta' Ġunju 2017 bħala garanti *in solidum* mas-soċjeta' Tapaz Malta Limited għall-ħlas ta' kull ammont li sar dovut lis-soċjeta' attriċi anke in segwitu għad-dikjarazzjoni li saret fl-4 ta' Settembru 2018. Dan irrispettivament mill-fatt li huwa ma baqax direttur jew azzjonist fis-soċjeta' konvenuta u huwa irrelevanti wkoll il-fatt illi fiż-żmien meta ttrasferixxi l-ishma tiegħu fil-kumpannija, il-konsenji li saru mis-soċjeta' attriċi kienux kollha mħallsin u ma kienx hemm ammonti pendenti.

---

[8] Xhieda tat-3 ta' April 2023.

Wara li rat il-provi l-Qorti fehmet ukoll li s-soċjeta' attriċi lanqas kienet mgħarrfa jew notifikata bit-trasferiment tal-ishma fis-soċjeta' Tapaz Malta Limited u bil-fatt li Christopher McKay ma kienx għadu d-direttur jew il-benefiċċjarju tal-ishma fis-soċjeta' konvenuta Tapaz Malta Limited[9]. Dan bi ksur tal-obbligu assunt mill-konvenut Christopher McKay li, kif jirriżulta mill-Credit Agreement, intrabat li jgħarraf lill-Accounts Department tas-soċjeta' attriċi "*of any changes in ownership or management of the above-mentioned business during the validity of this agreement.*" Il-Qorti wara li eżaminat l-iskrittura Dok. KBC1 fehmet illi l-konċessjoni lis-soċjeta' konvenuta ta' disgħin ġurnata għall-ħlas tad-dejn tagħha kienet soġġetta għall-kundizzjoni appena msemmija u konsegwentement, billi ma jirriżultax li r-riżenja tal-konvenut McKay mill-pożizzjoni ta' direttur tal-kumpannija u t-trasferiment tal-ishma fil-kumpannija ġew ikkomunikati lis-soċjeta' attriċi, jikkonsegwi illi s-soċjeta' konvenuta ma baqgħetx tgawdi mit-termini konċessi lilha fl-imsemmija skrittura privata. F'kull każ, huwa evidenti li meta ġie ppreżentat ir-Rikors promotur li istitwixxa l-azzjoni odjerna (15 ta' Mejju 2020), għaddew ferm iktar minn disgħin ġurnata mid-data ta' kull konsenja inkluz l-aħħar konsenja[10], li l-ħlas tagħha qed jiġi reklamat f'din il-kawża.

Il-konvenuti ma ressqu ebda prova kwalsiasi li turi illi l-konsenji li l-ħlas tagħhom qed jiġi reklamat, ma sarux lis-soċjeta' konvenuta jew li dawn ma kienux skont l-ordni relattiv u l-Qorti ma riskontrat xejn fl-atti u fil-provi li juri illi l-prezz reklamat mhux dovut. Fil-fatt, ma hemm xejn fl-atti proċesswali li jikkunstrasta t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tas-somma ta' €7,149.58 għall-konsenji li saru lis-soċjeta' konvenuta Tapaz Malta Limited bejn Awwissu 2019 u Jannar 2020. Il-Qorti hija għalhekk tal-fehma illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacjenti u fil-grad meħtieġ fil-kamp ċivili, ċioe' fuq preponderanza tal-provi fuq bilanċ tal-probabbilitajiet, illi l-ammont reklamat minnha ta' €7,149.58 huwa dovut lilha mis-soċjeta' konvenuta kif ukoll mill-konvenut Christopher McKay personalment b'mod solidali mal-istess soċjeta' konvenuta.

---

[9] Dan ġie affermat ukoll minn Kenneth Borg Caruana, kontro-ezami tat-3 ta' April 2023.
[10] 29 ta' Jannar 2020, ara statement ippreżentat fid-29 ta' April 2022.

Għaldaqstant din it-talba jirriżulta li hija mistħoqqa u għandha tiġi milqugħa fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta kif ukoll fil-konfront tal-konvenut Christopher McKay bħala garanti personali *in solidum* mas-soċjeta' konvenuta għall-ħlas tad-dejn tagħha mas-soċjeta' attriċi, iżda mhux fir-rigward tal-imsejjaħ fil-kawża Bo Patrick Alfvgeren, fejn il-Qorti ma tistax ħlief tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu ma ġiex muri li teżisti xejra ta' rapport ġuridiku bejnu u s-soċjeta' attriċi in kwantu għall-ħlas tad-dejn dovut lilha mis-soċjeta' Tapaz Malta Limited.

Billi evidentement id-dejn huwa wieħed kummerċjali, ikkontrattat bejn żewġ soċjetajiet kummerċjali, l-imgħax igħaddi kif maħsub fl-Artikolu 1144(1) tal-Kodiċi Ċivili, ċioe' minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tillibera lill-imsejjaħ fil-kawża BO PATRICK ALVGEREN mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' t-talba ta' VALHMOR BORG IMPORT EXPORT LIMITED u tikkundanna lill-konvenuti TAPAZ MALTA LIMITED u CHRISTOPHER MCKAY *in solidum* bejniethom iħallsu lill-istess soċjeta' attriċi is-somma ta' sebat elef, mija u disgħa u erbgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€7,149.58) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax jiddekorri mid-data li fiha l-ħlas ta' kull fattura sar dovut.**

**B'rizerva għal kull jedd ta' rivalsa spettanti lill-konvenut Christopher McKay fil-konfront tal-imsejjaħ fil-kawza Bo Patrick Alvgeren *si et quatenus*.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti Christopher McKay u Tapaz Malta Limited ukoll *in solidum* bejniethom.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**